



Dokument ta' sessjoni

A9-0300/2022

19.12.2022

RAPPORT

dwar il-protezzjoni tal-konsumatur fir-rigward tal-logħob vidjo online: approċċ
fil-livell tas-Suq Uniku Ewropew
(2022/2014(INI))

Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

Rapporteur: Adriana Maldonado López

PR_INI

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
NOTA SPJEGATTIVA	19
INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI	21
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	22

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-protezzjoni tal-konsumatur fir-rigward tal-logħob vidjo online: approċċ fil-livell tas-Suq Uniku Ewropew (2022/2014(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-20 ta' Novembru 1989, u l-Kumment Ġenerali Nru 25 (2021) tal-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal dwar id-drittijiet tat-tfal fir-rigward tal-ambjent diġitali,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-22 ta' April 2008 dwar il-il-ħarsien tal-konsumaturi, b'mod speċjali dawk ta' taħt l-età, fir-rigward tal-użu ta' logħob tal-kompjuter (COM(2008)0207),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2020, bit-titolu "Insawru l-futur diġitali tal-Ewropa" (COM(2020)0067),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Marzu 2021 dwar strateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal (COM(2021)0142),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Mejju 2020 bit-titolu "Deċennju Diġitali għat-tfal u ż-żgħażaġh: l-istrateġija Ewropea l-ġdida għal internet aħjar għat-tfal (BIK+)" (COM(2022)0212),
- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-1 ta' Marzu 2002 dwar il-ħarsien tal-konsumaturi, b'mod partikolari taż-żgħażaġh, permezz tat-tikkettar ta' ċertu logħob vidjo u logħob tal-kompjuter skont il-gruppi ta' età¹,
- wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2018/1808 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 li temenda d-Direttiva 2010/13/UE dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva) fid-dawl ta' reatjiet tas-suq li qed jinbidlu²,
- wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2019/770 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar ċerti aspetti li jikkonċernaw il-kuntratti għall-provvista ta' kontenut diġitali u ta' servizzi diġitali³,
- wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2019/2161 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttivi 98/6/KE, 2005/29/KE u 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-infurzar aħjar u mmodernizzar tar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-

¹ ĠU C 65, 14.3.2002, p. 2.

² ĠU L 303, 28.11.2018, p. 69.

³ ĠU L 136, 22.5.2019, p. 1.

konsumatur⁴,

- wara li kkunsidra d-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵,
- wara li kkunsidra l-avviż tal-Kummissjoni tad-29 ta' Diċembru 2021 bit-titolu "Gwida dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar prattiki kummerċjali żleali fin-negożju mal-konsumatur fis-suq intern"⁶,
- wara li kkunsidra l-avviż tal-Kummissjoni tad-29 ta' Diċembru 2021 bit-titolu "Gwida dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar drittijiet tal-konsumatur"⁷,
- wara li kkunsidra l-kontroll tal-idoneità li sar mill-Kummissjoni tal-liġi tal-konsumatur tal-UE dwar il-ġustizzja diġitali, li ġiet immedija b'sejħa għall-evidenza fis-17 ta' Mejju 2022,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data)⁸,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali)⁹,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tat-12 ta' Marzu 2009 dwar il-ħarsien tal-konsumatur, partikolarment tal-minorenni, fir-rigward tal-użu tal-logħob tal-kompjuter¹⁰,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Novembru 2012 dwar il-protezzjoni tat-tfal fid-dinja diġitali¹¹,
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tat-28 ta' Marzu 2019 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm Ewropa Kreattiva (mill-2021 sal-2027) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013¹²,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-13 ta' April 2022 dwar il-Bini ta'

⁴ ĠU L 328, 18.12.2019, p. 7.

⁵ ĠU L 304, 22.11.2011, p. 64.

⁶ ĠU C 526, 29.12.2021, p. 1.

⁷ ĠU C 525, 29.12.2021, p. 1.

⁸ ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1.

⁹ ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1.

¹⁰ ĠU C 87 E, 1.4.2010, p. 122.

¹¹ [ĠU C 419, 16.12.2015, p. 33.](#)

¹² ĠU C 108, 26.3.2021, p. 934.

Strateġija Ewropea għall-Ekosistema tal-Industriji Kulturali u Kreattivi¹³,

- wara li kkunsidra l-istudju tad-Dipartiment Tematiku għall-Politika Ekonomika, Xjentifika u tal-Kwalità tal-Ħajja tad-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tal-Parlament Ewropew ta' Lulju 2020 bit-titolu "Loot boxes in online games and their effect on consumers, in particular young consumers" (Loot boxes fil-logħob online u l-effett tagħhom fuq il-konsumaturi, b'mod partikolari l-konsumaturi żgħażaġh),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A9-0300/2022),
- A. billi l-logħob vidjo jintlagħab mill-gruppi ta' età kollha fl-Ewropa, b'nofs il-popolazzjoni Ewropea bejn is-6 snin u l-64 sena tilgħab il-logħob vidjo, u l-akbar grupp ta' età huwa bejn il-45 u l-64 sena; billi 73 % tat-tfal fl-UE ta' bejn is-6 u l-10 snin, 84 % ta' bejn il-11 u l-14-il sena u 74 % taż-żgħażaġh ta' bejn il-15 u l-24 sena jilagħbu l-logħob vidjo¹⁴;
- B. billi s-settur tal-logħob tal-vidjo Ewropew huwa s-settur kulturali u kreattiv li qed jikber bl-aktar rata mgħaġġla fl-Ewropa, b'daqs tas-suq Ewropew stmat ta' EUR 23,3 biljun fl-2020 u b'fatturat madwar id-dinja oġhla minn meta mqabbel ma' dak ta' kumpaniji tal-mużika u tal-films¹⁵, u billi dan is-settur jirrappreżenta potenzjal importanti għat- tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi, u jikkontribwixxi għas-suq uniku diġitali tal-Ewropa; billi s-settur tal-logħob tal-vidjo huwa l-unika industrija kulturali u kreattiva li esperjenzat tkabbir fil-fatturat matul il-kriżi tal-COVID-19¹⁶;
- C. billi l-logħob vidjo għandu valur kreattiv uniku meta mqabbel mal-programmi tal-kompjuter, rikonoxxut mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE¹⁷, u huwa protett mid-Direttiva 2009/24/KE¹⁸ dwar il-protezzjoni legali tal-programmi tal-kompjuter u mid-Direttiva (UE) 2001/29/KE¹⁹ dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni, li fuqu bbażata l-katina tal-valur;
- D. billi minkejja r-rwol ċentrali tiegħu fl-ekosistema kulturali u kreattiva Ewropea, is-settur tal-logħob vidjo online għadu traskurat minn dawk li jfasslu l-politika meta mqabbel ma' industriji oħra tal-media, speċjalment dik tal-films u l-prodotti awdjoviżivi oħra, li ġeneralment jirċievu aktar finanzjament u jintużaw bħala mudell biex isawru r-regolamentazzjoni u l-politiki dwar il-logħob vidjo, approċċ li ma jikkunsidrax id-

¹³ ĠU C 160, 13.4.2022, p. 13.

¹⁴ COM(2022)0212.

¹⁵ Il-Federazzjoni Ewropea ta' Software Interattiv u l-Federazzjoni Ewropea tal-Iżviluppaturi tal-Logħob, "[Key facts from 2021: Video games – a force for good](#)", (Fatti ewlenin tal-2021: Il-logħob vidjo – forza għall-ġid), aċċessat fid-19 ta' Diċembru 2022.

¹⁶ EY, "Rebuilding Europe: the cultural and creative economy before and after the COVID-19 crisis", (Il-bini mill-ġdid tal-Ewropa: l-ekonomija kulturali u kreattiva qabel u wara l-kriżi tal-COVID-19), Jannar 2021.

¹⁷ Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-23 ta' Jannar 2014, *Nintendo Co. Ltd et vs PC Box Srl u 9Net Srl.*, C-355/12, ECLI:EU:C:2014:25.

¹⁸ Id-Direttiva 2009/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-protezzjoni legali ta' programmi tal-kompjuter (ĠU L 111, 5.5.2009, p. 16).

¹⁹ Id-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni (ĠU L 167, 22.6.2001, p. 10).

differenzi bejniethom;

- E. billi l-industrija Ewropea tal-logħob vidjo hija magħmula prinċipalment minn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u negozji ġodda, li għandhom rwol importanti fl-innovazzjoni u t-tkabbir ta' dan is-settur²⁰;
- F. billi l-industrija tal-logħob vidjo għandha katina tal-valur kompluta, imsejsa fuq l-innovazzjoni u l-kreattività, li tgħaqqad flimkien firxa kbira ta' kompetenzi u għarfien esperti; billi l-iżviluppi teknoloġiċi fis-settur tal-logħob vidjo online qed isiru dejjem aktar importanti u qed jinfirxu għal setturi u industrijiet oħra bħall-kostruzzjoni, id-disinn, il-bejgħ bl-imnut, l-edukazzjoni, il-marketing, ir-realtà virtwali/awmentata u x-xiri online;
- G. billi wħud mill-kumpaniji fis-settur jużaw kontenut maħluq minn minorenni u tfal żgħar; billi għandhom jiġu stabbiliti miżuri biex il-minorenni u t-tfal żgħar jiġu protetti milli jiġu sfruttati kummerċjalment bħala dawk li joħlqu kontenut tal-logħob online²¹;
- H. billi l-logħob vidjo huwa wieħed mill-aktar forom ta' divertiment popolari fl-Ewropa, flimkien ma' attivitajiet oħra ta' divertiment, hekk kif studju tal-Ewrobarometru mill-2019 sab li 27 % tal-Ewropej jilagħbu logħob online tal-inqas darba fix-xahar meta mqabbel ma' 48 % li jisimgħu l-mużika b'servizz tal-istreaming u 47 % li jaraw films jew programmi televiżivi fuq pjattaformi online;
- I. billi l-funzjonament tal-logħob online jiddependi fuq il-konnettività sabiex l-esperjenza waqt il-logħob tkun stabbli u ta' kwalità għolja; billi l-livell ta' sodisfazzjon tal-Ewropej fir-rigward tal-veloċitajiet ta' upload u download tal-konnessjonijiet tal-internet tagħhom ivarja madwar l-Ewropa, u jaqbeż 90 % f'xi Stati Membri mentri jilħaq livell baxx sa 65 % f'oħrajn²²; billi f'żoni rurali, in-nuqqas ta' sodisfazzjon bil-konnettività tal-internet huwa 30 % oġhla milli fiż-żoni urbani;
- J. billi l-logħob vidjo online jista' jintlagħab fuq ħafna apparati differenti u jista' jitgawda bl-użu ta' diversi funzjonalitajiet, għazlijiet ta' disinn u għodod, bħall-modalità għal diversi ġugaturi, sistemi ta' chat bil-voċi f'ħin reali, xiri online, realtà awmentata, realtà virtwali, kontenut li jista' jitniżżel bi jew bla ħlas, abbonamenti u loot boxes li jistgħu jsawru l-esperjenza tal-logħob tal-ġugaturi; billi mhux il-logħob vidjo kollu jippermetti l-interazzjoni online ma' ġugaturi oħra; billi jeżistu strumenti ta' kontroll mill-ġenituri biex tiġi diżattivata kwalunkwe interazzjoni ma' ġugaturi oħra;
- K. billi l-hekk imsejħa loot boxes fihom oġġetti każwali u huma ġeneralment aċċessibbli permezz tal-logħba jew jistgħu jitħallsu bi flus reali; billi dawn jistgħu jinbiegħu permezz ta' disinni tal-logħob, magħrufa bħala dark patterns (elementi qarrieqa), jista' jkollhom konsegwenzi psikoloġiċi u finanzjarji negattivi permezz ta' xiri mhux mixtieq jew mhux kontrollat, speċjalment għall-minorenni u t-tfal żgħar; billi hemm kawża

²⁰ Il-Kummissjoni Ewropea, "[The value of European video games society](#)" (Il-valur tas-soċjetà Ewropea tal-logħob vidjo), 30 ta' Mejju 2022.

²¹ Parker, S., "[The trouble with Roblox, the video game empire built on child labour](#)" (L-inkwriet ma' Roblox, l-imperu tal-logħob vidjo mibni fuq it-tħaddim tat-tfal), *The Guardian*, 9 ta' Jannar 2022.

²² Kantar fuq talba tal-Kummissjoni Ewropea, "[Special Eurobarometer – Report – E-Communications in the Single Market](#)" (Ewrobarometru Speċjali – Rapport – Komunikazzjonijiet elettroniċi fis-Suq Uniku), Ġunju 2021.

pendenti quddiem il-qorti fin-Netherlands dwar il-miżuri li għandhom jiġu applikati għal-loot boxes; billi s-Slovakkja qed tinvestiga wkoll il-miżuri xierqa li għandha tiegħu; billi dan in-nuqqas ta' approċċ armonizzat iwassal għall-frammentazzjoni tas-suq tal-logħob vidjo fl-UE; billi m'hemm l-ebda mekkaniżmu speċifiku ta' protezzjoni tal-konsumatur fil-livell Ewropew biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-ġugaturi kollha, b'mod partikolari l-minorenni u t-tfal żgħar, fir-rigward ta' loot boxes bi ħlas;

- L. billi l-industrija tal-logħob evolviet matul l-aħħar deċennji minn mudell ta' dħul minn logħob arcade u boxed għal mudell ta' logħob bħala servizz, pay-to-win jew mudell ta' negozju freemium li bħalissa qed jintużaw b'mod diffuż; billi minkejja ż-żieda fl-ispejjeż tal-iżvilupp, il-prezzijiet tal-logħob stabbilizzaw ruħhom minħabba l-possibbiltà li dawn l-ispejjeż jinfirxu permezz ta' estensjonijiet tal-logħob; jinnota madankollu li l-ispiża aħħarija għall-esperjenza estiża tal-logħob tista' tiżdied b'mod sinifikanti maż-żmien;
- M. billi xi logħbiet vidjo online huwa bbażat fuq li jimmonetizzaw lill-utenti tagħhom permezz ta' ġbir ta' data u riklami, u joħlqu inċentiv biex l-utenti, inklużi l-minorenni u t-tfal żgħar, iqattgħu kemm jista' jkun ħin fuq il-logħob;
- N. billi l-ammont ta' ħin eċċessiv li wieħed iqatta' fuq il-logħob vidjo online, aggravat minn disinn manipulattiv, jista' johlq dipendenzi u "disturb relatat mal-logħob", hekk kif definit mill-Klassifikazzjoni Internazzjonali tal-Mard tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO)²³;
- O. billi ħafna problemi relatati mal-protezzjoni tal-konsumatur jistgħu jseħħu waqt il-logħob vidjo, b'mod partikolari fir-rigward tal-minorenni u t-tfal żgħar, irrispettivament mill-ammont ta' ħin li jqattgħu jilagħbu;
- P. billi l-minorenni u t-tfal żgħar taħt is-superviżjoni tal-ġenituri u l-indoktraturi tagħhom għandhom id-dritt li jipparteċipaw fid-dinja diġitali b'mod konsistenti mal-kapaċitajiet li qed jevolvu tat-tfal;
- Q. billi l-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal jgħid li t-tfal kollha għandhom id-dritt li jilagħbu u li jesperjenzaw b'mod liberu u sħiħ il-ħajja u l-attivitajiet kulturali, skont l-età tagħhom;
- R. billi x-xiri minn ġol-logħob jista' jippermetti lill-ġugaturi, pereżempju, jirċievu oġġetti kożmetiċi bħal ġlud jew kontenut biex jingħatalhom vantaġġ ta' logħob, jevitaw ir-reklamar, ineħħu l-kronometri jew jevitaw ħinijiet ta' stennija eċċessivi u jaħarbu mill-"grinding";
- S. billi l-maġġoranza tal-ġenituri jużaw xi forma ta' għodda ta' kontroll; billi l-maġġoranza tal-ġenituri huma mħassba dwar il-ħin li wliedhom iqattgħu jilagħbu l-logħob vidjo u dwar ir-riskji ta' esponiment għal kontenut dannuż, bullying, kuntatt ma' adulti barranin u xiri minn ġol-logħob;
- T. billi bosta ġenituri fl-Ewropa huma konxji tas-Sistema tal-Infurmazzjoni tal-Logħob Pan-Ewropea (PEGI) u jsibu t-tikketta PEGI utli biex jiddeċiedu jekk jixtrux logħba

²³ Id-WHO, "[Disturb relatat mal-logħob](#)", aċċessat fil-15 ta' Diċembru 2022.

għal uliedhom jew le²⁴;

- U. billi ċifri tal-industrija jindikaw li l-ħin mgħoddi għal-logħob vidjo huma b'mod ġenerali stabbli, bl-Ewropej iqattgħu medja ta' 9 sigħat fil-ġimgħa jilagħbu logħob vidjo fl-2021, 9,5 sigħat fl-2020, 8,6 sigħat fl-2019, 8,8 sigħat fl-2018 u 9,2 sigħat fl-2017²⁵; billi l-ħin iddedikat għal-logħob vidjo xorta għadu iqsar meta mqabbel ma' attivitajiet oħra li jsiru quddiem skrin, bħal dak tat-televiżjoni, li fl-2020 tqattgħu quddiemu medja ta' 25 siegħa fil-ġimgħa;
- V. billi s-saħħa hija stat sħiħ ta' benesseri fiżiku, mentali u soċjali u mhux biss in-nuqqas ta' mard jew debbolizza, billi s-saħħa mentali u l-benesseri huma kwistjonijiet interrelatati li jridu jitqiesu fl-oqsma kollha bħall-edukazzjoni, is-saħħa, l-impjieg u l-inklużjoni soċjali; billi l-logħob vidjo jista' jkun għodda importanti biex jiġu appoġġati s-saħħa u l-benesseri mentali u jistgħu jintużaw biex isir avvanz f'dawn l-oqsma, kif ukoll biex jgħinu liċ-ċittadini jiżviluppaw diversi ħilet li huma essenzjali f'soċjetà diġitali u għall-bini tas-Suq Uniku Diġitali;
- W. billi fl-2019, 20 % tal-persuni impjegati mill-industrija tal-logħob tal-vidjo kienu nisa; billi n-nuqqas ta' rappreżentanza tan-nisa hija kwistjoni magħrufa u sistemika fid-dixxiplini tax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija, u l-matematika, inkluż fis-settur tal-logħob vidjo, kemm fl-industrija nnifisha kif ukoll fir-rappreżentanza ipersesswalizzata li tikkaratterizza ħafna karattri femminili fid-disinn tal-logħob; billi 37 % tal-ġugaturi tfajliet jesperjenzaw fastidju bħala riżultat tal-ġeneru tagħhom fil-logħob multiplayer online²⁶; billi, minkejja l-isforzi li saru f'termini ta' rappreżentazzjoni preċiża, ugwali u mhux sterjotipata tan-nisa fil-logħob vidjo, il-progress irid ikompli u jimxi id f'id mal-kisba ta' preżenza ugwali għan-nisa fil-pożizzjonijiet kollha fil-katina tal-valur, kif ukoll progress fil-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u d-diskriminazzjoni;
- X. billi fl-2020, għoxrin fil-mija tal-popolazzjoni tal-UE kienet tinvolvi persuni b'diżabbiltà; billi l-Unjoni hija impenjata li ttejjeb is-sitwazzjonijiet soċjali u ekonomiċi tagħhom, inkluż online; billi hemm ċerti diżabbiltajiet li jistgħu jikkostitwixxu limitazzjoni partikolari għal-logħob vidjo online, bħall-inkapaċità ta' individwu li jagħraf id-differenza bejn il-kuluri, l-isfidi viżwali jew in-nuqqasijiet fil-mobbiltà tal-idejn; billi l-inkapaċità ta' individwu li jagħraf id-differenza bejn il-kuluri taffettwa 10 % tal-popolazzjoni maskili;

Logħob Vidjo Online fl-Unjoni Ewropea

1. Jissottolinja l-valur tal-logħob vidjo kemm għal-logħob online kif ukoll offline bħala divertiment popolari li minnu jgawdi numru sinifikanti ta' Ewropej, fl-etajiet kollha u fl-Istati Membri kollha, u bħala espressjoni kulturali ta' min joħloqhom, tal-ġugaturi

²⁴ Il-Federazzjoni Ewropea ta' Software Interattiv u l-Federazzjoni Ewropea tal-Iżviluppaturi tal-Logħob, "[Key facts 2020: The year we played together](#)" (Is-sena li matulha l-għabna flimkien), 24 ta' Awwissu 2021.

²⁵ Il-Federazzjoni Ewropea ta' Software Interattiv u l-Federazzjoni Ewropea tal-Iżviluppaturi tal-Logħob, "[Key facts from 2021: Video games – a force for good](#)", (Fatti ewlenin tal-2021: Il-logħob vidjo- forza għall-ġid), aċċessat fid-19 ta' Diċembru 2022.

²⁶ Evidenza bil-miktub ippreżentata mil-Lega Kontra d-Diffamazzjoni lill-Kumitat Konġunt dwar l-Abbozz ta' Liġi dwar is-Sikurezza Online tal-Parlament tar-Renju Unit (OSB0030), "[How Algorithms Influence Harmful Online Conduct](#)" (Kif l-algoritmi jinfluenzaw l-imġieba dannuża online), Settembru 2021.

individwali u tal-komunitajiet usa' tal-gaming;

2. Jenfasizza li l-logħob vidjo huwa settur diġitali innovattiv ħafna fl-UE u li s-settur huwa responsabbli għal 90 000 impjeg dirett fl-Ewropa; jissottolinja li s-settur tal-logħob vidjo joffri numru dejjem akbar ta' opportunitajiet ġodda ta' xogħol għal ħafna kreaturi kulturali, bħall-iżviluppaturi tal-logħob, id-disinjaturi, il-kittieba, il-produtturi tal-mużika u artisti oħra, li kwalunkwe azzjoni tal-Unjoni f'dan il-qasam u speċjalment attivitajiet ta' finanzjament għandha tiegħu inkonsiderazzjoni; jisħaq li l-logħob vidjo jiffavorixxi kemm is-setturi diġitali kif ukoll dawk kulturali, minħabba li l-logħob vidjo jirrappreżenta wkoll parti kruċjali tal-ekosistema kulturali u kreattiva hekk kif jikkostitwixxi aktar minn 50 % tal-valur miżjud tas-suq ġenerali tal-UE għall-kontenut awdjoviżiv;
3. Jisħaq fuq l-importanza tal-industrija tal-logħob vidjo fit-tisħiħ tal-innovazzjoni fl-Ewropa; jisħaq li s-settur tal-logħob vidjo ikkontribwixxa għall-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda bħall-intelliġenza artifiċjali u t-teknoloġiji tar-realtà virtwali u awmentata, fost l-oħrajn;
4. Ifakkar fl-importanza tal-SMEs fil-katina tal-valur Ewropea tal-logħob vidjo u l-prominenza globali li ħafna kumpaniji Ewropej li qed jiżviluppaw għas-swieq tal-logħob bil-console, tal-kompjuter u mobbli jgawdu; jesprimi diżappunt li tali suċċess u appell kulturali internazzjonali spiss jiġu injorati meta tiġi kkunsidrata t-tmexxija Ewropea fit-teknoloġiji u s-servizzi diġitali;
5. Jilqa' t-tneġġja tal-proġett pilota propost mill-Parlament Ewropew bit-titolu "Understanding the Value of a European Games Society" (Nifhmu l-Valur ta' Soċjetà Ewropea tal-Logħob), li għandu l-għan li jiġbor data komprensiva biex tappoġġa t-tfassil tal-politika li taffettwa s-settur; jinnota li wħud mill-problemi li jiffaċċja s-settur jinkludu l-iżvilupp u ż-żamma tat-talent, qafas regolatorju kumpless u fframmentat fl-impatt tar-regolamentazzjoni f'suq globali, l-aċċess għall-finanzi u l-impatti soċjali u kulturali tal-logħob vidjo;

It-tisħiħ tal-protezzjoni tal-konsumatur fil-logħob vidjo online

6. Jenfasizza li l-protezzjoni tal-konsumatur hija essenzjali biex jiġi żgurat ambjent online sikur u affidabbli għal-logħob vidjo u għall-ġugaturi u li l-bini ta' fiduċja fost il-konsumaturi jista' tagħti spinta lit-tkabbir ekonomiku tal-industrija tal-logħob vidjo; jemmen, madankollu, li l-protezzjoni tal-konsumatur tista' tittejjeb aktar; jistieden lill-Kummissjoni tqis kwistjonijiet ta' protezzjoni tal-konsumatur fil-logħob vidjo online bħala parti mill-kontroll tal-idoneità li għaddej bħalissa fuq il-liġi tal-konsumatur tal-UE biex tiġi żgurata l-ġustizzja ugwali kemm online kif ukoll offline;
7. Jirrikonoxxi li l-acquis tal-UE dwar il-liġi tal-konsumatur jipprevedi protezzjoni b'saħħitha tal-konsumatur, applikabbli bis-siħ għal-logħob vidjo; jinnota li l-avviż tal-Kummissjoni tad-29 ta' Diċembru 2021 dwar prattiki kummerċjali żleali min-negozju għall-konsumatur fis-suq intern, li toffri direzzjoni dwar l-applikazzjoni tal-liġi tal-konsumatur tal-UE dwar il-promozzjonijiet u r-reklamar fil-logħob, fosthom lit-tfal, ix-xiri minn ġol-logħob u l-preżenza ta' kontenut każwali imħallas; jinnota, madankollu, il-ħtieġa li jiġi adottat approċċ konsistenti u kkoordinat fost l-Istati Membri u l-awtoritajiet

tal-protezzjoni tal-konsumatur sabiex tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq uniku u jiġu protetti l-konsumaturi fl-Ewropa;

8. Ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet tal-protezzjoni tal-konsumatur fi ħdan in-
Network ta' Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur jiżguraw li l-liġi Ewropea
tal-konsumatur tiġi rispettata u infurzata bis-sħiħ fis-settur tal-logħob vidjo;
9. Jinnota l-eżistenza ta' pjattaformi tal-logħob vidjo online li jippermettu lill-ġugaturi,
inklużi l-minorenni u t-tfal żgħar, joħlqu l-logħob tagħhom stess billi jużaw l-ġhodod li
jipprovdu l-iżviluppaturi u li huma fil-pussess tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni
tadotta, jekk ikun meħtieġ, miżuri regolatorji sabiex tiproteġi lill-utenti, b'mod
partikolari lill-minorenni u lit-tfal żgħar, minn prattiki illegali li dawn il-pjattaformi jafu
jkunu involuti fihom;
10. Jilqa' l-fatt li, minn Jannar 2022, id-Direttiva 2019/770 se tapplika għal-logħob vidjo,
inkluż il-logħob bla hłas, u b'hekk tipprovi protezzjoni addizzjonali għall-konsumaturi;
jesprimi dispjaċir, madankollu, li xi Stati Membri għadhom ma ttrasponewx id-Direttiva
u jhegġegħ lill-Istati Membri jimplementawha mingħajr dewmien u jiżguraw protezzjoni
aħjar tal-konsumatur madwar l-Unjoni; jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja mill-qrib
il-proċess ta' traspożizzjoni tad-Direttiva, iżżomm djalogu mill-qrib mal-Istati Membri li
jdumu biex jittrasponuha, u tikkunsidra li tnedi proċeduri ta' ksur, fejn meħtieġ;
11. Jilqa' l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' ġhodod ta' kontroll mill-ġenituri li jgħinu biex
jiffiltraw il-kontenut u l-logħob vidjo skont l-età, jimmonitorjaw il-ħin imqatta' fuq il-
logħob, jiddiżattivaw jew jillimitaw l-infiq online u jirrestrinġu l-komunikazzjoni ma'
oħrajn jew il-viżwalizzazzjoni ta' kontenut maħluq minn ġugaturi oħra; ifakkar li l-
kontrolli tal-ġenituri fil-livell tal-pjattaforma mhumiex l-uniku metodu użat mill-
ġenituri biex jimmonitorjaw u jimmaniġġjaw l-aċċess għall-kontenut min-naħa ta'
wliedhom; jinnota, madankollu, li, anke jekk disponibbli, il-ġenituri jistgħu ma jkunux
jafu b'dawn l-ġhodod jew ikollhom diffikultà biex jimplementawhom, u dan inaqqas l-
effettività tagħhom; jemmen li r-responsabbiltà għall-iżvilupp ta' tali mekkaniżmi hija
f'idejn l-industrija; iqis li tali mekkaniżmi jridu jkunu faċli biex jintużaw, jinftiehm u
jiġu stabbiliti u jridu jiproteġu lill-konsumatur "mid-disinn" u "b'mod awtomatiku";
jemmen li l-implimentazzjoni tal-kontrolli tal-ġenituri hija kemm f'idejn il-ġenituri kif
ukoll l-industrija; jitlob li jiġu stabbiliti mekkaniżmi biex jiġi eżerċitat kontroll aktar
strett mill-ġenituri fuq l-ammont ta' ħin li l-minorenni u t-tfal iqattgħu fuq il-logħob u l-
flus li jonfqu fuqu, fost l-oħrajn, filwaqt li jiġu rrispettati d-drittijiet u l-iżvilupp tal-
minorenni; ihegġegħ lill-pjattaformi jżidu s-sensibilizzazzjoni u l-informazzjoni dwar kif
għandhom jintużaw tali ġhodod; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri
jappoġġaw il-promozzjoni ta' edukazzjoni pubblika u privata u kampanji ta'
informazzjoni diretti lejn il-ġenituri u l-indoktrinati sabiex jinfurmawhom dwar l-ġhodod
stabbiliti, bħall-applikazzjoni tal-PEGI għal fuq il-mobile, u biex jinkoraġġixxu l-użu
tagħhom;
12. Jirrimarka li hemm varjetà ta' mudelli ta' negozju adottati fis-settur tal-logħob vidjo;
jinnota li ċertu logħob vidjo online joffri lill-utenti tiegħu xiri minn ġol-logħba bl-użu ta'
muniti apposta għal-logħba li jistgħu jew jinxtraw bi flus reali jew jinkisbu matul il-
logħba, sabiex jiksbu oġġetti permezz ta' loot boxes jew kwalunkwe tip ieħor ta' xiri
każwali minn ġol-logħba stess, bil-ġugaturi ma jkollhom l-ebda idea dwar il-kontenut

qabel ma jħallsu; jirrimarka li jeżistu tipi differenti ta' loot boxes²⁷, jinnota li tali sistemi mhumiex mingħajr konsegwenzi għall-konsumaturi u li l-logħob b'mudell "ħallas u irbaħ" ("pay-to-win"), b'mod partikolari mudelli aggressivi ta' "ħallas u iirbaħ" ("pay-to-win"), jew mudelli li jillockjaw kontenut popolari wara l-paywalls, attiraw reazzjonijiet negattivi minn komunitajiet tal-logħob, li wasslu għal reviżjonijiet negattivi u anke bidliet fil-logħob qabel jew fit wara r-rilaxx tagħhom;

13. Jisħaq li x-xiri minn ġol-logħob ilu preżenti f'logħob vidjo għal ħafna snin; jappoġġa l-gwida dwar id-Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Żleali²⁸ li l-Kummissjoni adottat reċentement, li tikkjarifika r-regoli meta fil-logħob vidjo jkunu preżenti oġġetti apparentament każwali mħallsa; jisħaq li sistemi ta' xiri minn ġol-logħob iridu jkunu wkoll konformi mad-Direttiva dwar il-Prattiki Kummerċjali Żleali u l-gwida riċentement adottata sabiex jiġi żgurat li ma jirriżultawx fi prattiki dannużi li jaffettwaw lill-konsumaturi, speċjalment lill-minorenni u lit-tfal żgħar; jitlob li d-Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Żleali tiġi rispettata u implimentata malajr biex tiżgura l-protezzjoni tal-konsumatur fis-suq uniku, b'mod partikolari għall-minorenni u t-tfal żgħar;
14. Jirrikonoxxi l-istudju kkummissjonat tiegħu dwar il-loot boxes u l-effetti tagħhom fuq il-konsumaturi, b'mod partikolari l-minorenni u t-tfal żgħar; jinnota li l-istudju rrakkomanda li l-loot boxes jiġu eżaminati mill-perspettiva tal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-konsumatur sabiex jiġu evitati effetti dannużi u prattiki ta' sfruttament ta' loot boxes, speċjalment għall-minorenni u t-tfal żgħar²⁹; jistieden lill-Kummissjoni tanalizza l-mod li bih jinbiegħu l-loot boxes, u tiegħu l-passi meħtieġa biex twassal għal approċċ Ewropew komuni dwar loot boxes biex tiżgura protezzjoni adegwata tal-konsumaturi, b'mod partikolari l-minorenni u t-tfal żgħar;
15. Jirrimarka li ċerti disinni ta' logħob użati għal xiri minn ġol-logħob huma ddisinjati b'mod li jimmanipulaw u jisfruttaw, u dan billi jużaw prattiki kummerċjali aggressivi li jfixxli b'mod sinifikanti l-libertà tal-għażla tal-konsumaturi u jimmotivawhom biex jieħdu deċiżjonijiet finanzjarji li kieku ma jeħdux; jinnota li tali prattiki huma pprojbiti b'mod ċar skont id-Direttiva (UE) 2019/2161; jistieden barra minn hekk lill-iżviluppaturi u lill-bejjieġha tal-logħob vidjo biex jiżguraw li l-logħob immirat lejn minorenni jirrispetta d-drittijiet tal-minorenni u tat-tfal żgħar, inkluż fir-rigward tal-privatezza, ir-reklamar immirat u prattiki manipulattivi; iqis li l-minorenni u t-tfal żgħar, meta jilagħbu logħob vidjo online, għandhom jibbenefikaw minn livell ta' protezzjoni ugwali għal dak approvdut mill-Att dwar is-Servizzi Diġitali;
16. Jinnota li, lil hinn mis-sistemi ta' xiri minn ġol-logħob u oġġetti każwali mħallsa, disinji qarrieqa oħra jseħħu wkoll fil-logħob vidjo u jistgħu jxekklu l-imġiba tal-konsumaturi;

²⁷ It-tipi ta' loot boxes jistgħu jvarjaw skont il-kundizzjonijiet differenti ta' eliġibbiltà (ħin ta' stennija, wiri ta' riklami, ħlas bi flus reali), il-premjju, it-trasparenza tiegħu, iċ-ċansijiet li jinkiseb l-oġġett, u l-possibbiltà li l-oġġett miksub jiġi kkonvertit fil-muniti apposta għal-logħob jew fi flus reali, fost oħrajn;

²⁸ Id-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiki kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-Suq Intern u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 149, 11.6.2005, p. 22).

²⁹ Forbrukerrådet, "[Insert coin –How the gaming industry exploits consumers using loot boxes](#)" ("Daħħal munita — Kif l-industrija tal-logħob tisfrutta l-konsumaturi li jużaw loot boxes"), 31 ta' Mejju 2022.

jistieden lill-awtoritajiet nazzjonali jinfurzaw b'mod effettiv il-liġijiet Ewropej u nazzjonali dwar il-protezzjoni tal-konsumatur, b'mod partikolari d-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali, u l-gwida korrispondenti dwarhom, li tipprojbixxi ċerti dark patterns (elementi qarrieqa), prattiki aggressivi ta' marketing u trasparenza qarrieqa dwar l-informazzjoni li jeħtieġ li tiġi pprovduta lill-konsumaturi; jistieden, barra minn hekk, lill-Kummissjoni tkompli tivvaluta dawn il-kwistjonijiet, b'mod partikolari d-dark patterns (l-elementi qarrieqa), bħala parti mill-kontroll tal-idoneità li għaddej bħalissa fuq il-liġi tal-konsumatur tal-UE dwar il-ġustizzja diġitali u tippreżenta inizzjattivi adegwati f'każ li tqis li jkun meħtieġ;

17. Jisħaq li l-iżviluppaturi tal-logħob online li huwa mmirat lejn minorenni u tfal żgħar jeħtiġilhom iqisu l-etajijiet, id-drittijiet u l-vulnerabbiltajiet tagħhom; jisħaq li dawn iridu jissodisfaw l-oġhla standards possibbli mid-disinn u b'mod awtomatiku f'dak li għandu x'jaqsam mas-sikurezza, is-sigurtà, il-privatezza u l-istabbiliment ta' limiti ta' żmien, u jinnota li, minbarra li jissupplimentaw l-istandards b'mod awtomatiku, il-ġenituri jista' jkollhom rwol importanti fil-protezzjoni tal-minorenni u t-tfal żgħar meta jilagħbu l-logħob vidjo; jirrimarka, madankollu, li l-industrija tal-logħob għandha twettaq; b kampanji ta' sensibilizzazzjoni u appoġġ permezz tal-użu ta' għodod u informazzjoni xierqa dwar kif għandhom jiproteġu aħjar lil uliedhom;
18. Jisħaq li l-logħob vidjo huma kemm għodod għal-logħob kif ukoll xogħlijiet tal-arti b'valur kulturali;
19. Jisħaq li l-konsumaturi għandu jkollhom l-informazzjoni kollha meħtieġa dwar logħba vidjo online, inkluż dwar il-preżenza ta' xiri minn ġol-logħob, bħal-loot boxes u xiri ieħor każwali fil-logħba, u għandhom ikunu konxji mit-tip ta' kontenut qabel ma jibdedw jilagħbu u matul il-logħba, jisħaq li tali informazzjoni għandha tintwera b'mod ċar u tinftiehem faċilment għall-konsumaturi kollha qabel ix-xiri tal-logħba u qabel kull xiri minn ġol-logħba biex tiproteġi aħjar lill-konsumaturi, speċjalment il-minorenni u t-tfal żgħar, u biex tgħin lill-ġenituri jifhmu u jikkontrollaw l-infiq tagħhom; jinnota li, meta jintużaw muniti virtwali fil-logħob online, il-valur tagħhom f'termini ta' munita tad-dinja reali għandu dejjem ikun muri b'mod ċar u f'post prominenti għall-konsumaturi għal kull xirja; jfakkar in-nuqqas ta' tali informazzjoni huwa pprojbit b'mod ċar skont id-Direttiva (UE) 2019/2161;
20. Jirrimarka li l-logħob vidjo online li jagħti lill-ġugaturi il-possibbiltà li jiksbu vantaġġ billi jħallsu f'mudelli "ħallas u irbaħ" ("pay to win") irid iwissi b'mod ċar lill-ġugaturi dwar din il-funzjonalità qabel ma jibdedw jilagħbu; jemmen li tali mudelli "ħallas u irbaħ" ("pay to win") ma għandhomx joħlqu diskriminazzjoni bejn il-ġugaturi skont il-mezzi tagħhom; iħeġġeġ il-logħob li juża tali mudelli biex għalhekk jinkludi modalità ta' logħob mingħajr tranżazzjonijiet "ħallas u irbaħ" ("pay-to-win");
21. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni se teżamina t-tiġdid awtomatiku għall-abbonamenti u l-kuntratti fil-kontroll tal-idoneità li jmiss tal-legalizzazzjoni dwar il-protezzjoni tal-konsumatur; jirrimarka li t-tiġdid awtomatiku jista' jkun ta' benefiċċju kemm għall-utent kif ukoll għall-kummerċjant, itejjeb il-konvenjenza għall-utenti u jillimita l-amministrazzjoni tal-abbonati għall-kummerċjant, iżda jista' jkun ukoll problematiku jekk it-tiġdid awtomatiku jkompli b'mod indefinit kontra l-intenzjonijiet tal-konsumatur; iħeġġeġ kemm lill-Kummissjoni, fl-analiżi tagħha, kif ukoll, lill-kummerċjanti fil-

politiki tal-kumpaniji tagħhom, biex iqisu l-aħjar prattiki minn Stati Membri jew kumpaniji li diġà għandhom politiki ta' tiġdid awtomatiku stabbiliti favur il-konsumatur; jitlob lill-Kummissjoni tintroduċi obbligu fil-livell tal-UE li bih in-negozjanti jeħtiġilhom jipprovdu lill-utenti bi proposta ta' opt-in fix-xiri minflok ma jkollhom tali proposta bħala karatteristika awtomatika, kif ukoll jipprovdu informazzjoni ċara u aċċessibbli faċilment dwar kif jikkanċellaw it-tiġdid awtomatiku fi kwalunkwe ħin u biex tagħmel il-proċess tal-kanċellazzjoni tat-tiġdid awtomatiku sempliċi u faċli daqs l-iffirmar;

22. Jappella għal aktar trasparenza mill-iżviluppaturi tal-logħob vidjo dwar il-probabbiltajiet fil-mekkaniżmi tal-loot box, inkluża informazzjoni b'lingwaġġ ċar dwar dak li l-algoritmi huma mħarrġa jiksibu;
23. Jissottolinja li l-politiki ta' garanzija ta' ritorn u rifużjoni huma l-pedament tad-drittijiet tal-konsumatur tal-Unjoni, u li l-konsumaturi għandhom jesperjenzaw l-istess dritt li jixtru u jitolbu rifużjoni għal xiri online bħalma kieku jagħmlu meta fiżikament imorru jixtru; jinnota li għall-kontenut online u diġitali, kemm jekk imniżżel jew imxandar, id-dritt għal rifużjoni japplika jekk il-prodott jew is-servizz ikun difettuż jew jekk il-konsumatur ma jiksibx aċċess għall-prodott kif mistenni; jistieden lill-kummerċjanti biex jikkonformaw bis-sħiħ mar-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tal-konsumatur u jgħaddu informazzjoni ċara, trasparenti u affidabbli dwar kif tintalab rifużjoni jew isir użu mid-dritt tal-irtirar;
24. Jisħaq li l-persuni b'diżabbiltà għandhom ikunu jistgħu jilagħbu kull tip ta' logħob vidjo online; u li kemm il-karatteristiċi tekniċi kif ukoll dawk komunikattivi tal-logħob vidjo online u kwalunkwe informazzjoni rilevanti relatata mal-logħob jew ix-xiri tal-logħba trid tkun inklużiva u aċċessibbli; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta inizjattivi biex ittejjeb l-aċċessibbiltà tal-logħob vidjo online għall-persuni b'diżabbiltà; iħeġġeġ lill-fornituri ta' logħob vidjo online biex jagħmlu l-logħob aċċessibbli billi japplikaw ir-reqwiziti ta' aċċessibbiltà tal-Anness I tad-Direttiva 2019/882³⁰;
25. Jirrimarka li ladarba jkun inkiseb oġġett f'logħba vidjo, dan jista', f'ċerti każijiet, jiġi skambjat, matul il-logħba jew permezz ta' siti web ta' partijiet terzi, fi flus tad-dinja reali, li huwa kontradittorju għat-termini u l-kundizzjonijiet li japplikaw dawk li jipubblikaw il-logħob vidjo; jistieden lill-awtoritajiet nazzjonali biex itemmu prattiki illegali li jippermettu l-iskambju, il-bejgħ jew l-imħatri fuq siti fil-logħob stess; jisħaq li, lil hinn mill-kwistjonijiet ta' protezzjoni tal-konsumatur, dawn is-servizzi jistgħu kultant iwasslu għall-ħasil tal-flus; jistieden lill-Kummissjoni tipprojbixxi din il-prattika; iqis li l-Att dwar is-Servizzi Diġitali jista' jgħin fil-mitigazzjoni ta' din il-problema, b'mod partikolari bl-implimentazzjoni tal-obbligi ta' "Kun Af lill-Klijenti tan-Negozju Tiegħek";
26. Jinsab imħasseb li l-gold farming hija prattika li tista' tkun marbuta max-xogħol furzat u l-isfruttament fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u mal-ħasil tal-flus; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-użu tal-gold farming b'rabta ma' reati finanzjarji u abbużi tad-drittijiet tal-bniedem u tippreżenta inizjattivi xierqa jekk ikun meħtieġ;

³⁰ Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-reqwiziti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70).

27. Jistieden lill-Kummissjoni biex tressaq strateġija Ewropea dwar il-logħob vidjo li tiżblokka l-potenzjal ekonomiku, soċjali, edukattiv, kulturali u innovattiv ta' dan is-settur biex tippermettilu jsir mexxej fis-suq globali tal-logħob vidjo; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta matul il-kontroll tal-idoneità li jmiss tal-liġi tal-konsumatur tal-UE dwar il-ġustizzja diġitali jekk il-qafas attwali tal-liġi tal-konsumatur huwiex biżżejjed biex jindirizza l-kwistjonijiet kollha tal-liġi tal-konsumatur imqajma minn loot boxes u xiri minn ġol-logħob u, jekk le, jistedinha tippreżenta proposta leġislattiva biex tadatta l-qafas attwali tal-liġi tal-konsumatur tal-UE għal-logħob vidjo online jew biex tippreżenta proposta leġislattiva awtonoma dwar il-logħob tal-vidjo online biex jiġi stabbilit qafas regolatorju Ewropew armonizzat li jiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur, b'mod partikolari għall-minorenni u t-tfal żgħar; iqis li dawn il-proposti għandhom jivvalutaw jekk għandux jiġi propost obbligu li jiġu diżattivati b'mod awtomatiku mekkaniżmi ta' pagamenti fil-logħob u loot boxes jew projbizzjoni fuq loot boxes imħallsa biex jiġu protetti l-minorenni, tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq uniku u jiġi żgurat li l-konsumaturi jibbenefikaw mill-istess livell ta' protezzjoni, irrispettivament mill-post ta' residenza tagħhom;
28. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-possibbiltà li tirrikjedi li fornituri tal-logħob vidjo online li huma mmirati lejn minorenni u tfal żgħar ikunu obbligati jwettqu valutazzjonijiet tal-impatt *ex ante* fuq it-tfal abbażi tal-qafas 4Cs ("Content, Contact, Conduct, Contract") għall-klassifikazzjoni tar-riskji u jtaffu b'mod effettiv kwalunkwe riskju identifikat għad-drittijiet tal-minorenni;

Benefiċċji u riskji addizzjonali għall-konsumaturi

29. Jenfasizza l-importanza tas-saħħa mentali, b'mod partikolari fil-każ tal-minorenni u t-tfal żgħar; jinnota li l-logħob vidjo ipprova serħan matul perjodi stretti ta' lockdown matul il-COVID-19; ifakkar fir-rwol pożittiv li kellha l-konnettività online biex jiġi żgurat li l-Ewropej xorta jkunu jistgħu jikkomunikaw, jinteraġixxu u joħolqu flimkien, inkluż permezz tal-logħob vidjo online; ifakkar li l-logħob jista' jipprovdi wkoll toroq interattivi għal individwi li jesperjenzaw skonnessjoni jew iżolament soċjali f'ambjenti tal-ħajja reali; jinnota li dan kien partikolarment minnu għall-anzjani li huma fost dawk li sofrew l-aktar iżolament matul il-pandemija tal-COVID-19; jinnota li d-WHO temmen li l-logħob online jista' jsir strument ewlieni fit-trawwim tar-relazzjonijiet tagħna ma' oħrajn³¹; jinnota l-benefiċċji tal-logħob online bejn il-pjattaformi għall-esperjenza tal-utenti – peress li dan jippermetti lill-ġugaturi jinteraġixxu faċilment ma' xulxin fuq il-pjattaformi differenti – u għall-iżviluppaturi tal-logħob, u jitlob lill-industrija tal-logħob vidjo tagħmel l-aħjar sforzi tagħha biex timmassimizza l-użu ta' din il-karatteristika; jinnota b'mod aktar ġenerali l-opportunitajiet u l-perspettivi ġodda offruti mill-aċċess għall-espressjoni kreattiva u l-kontenut kulturali, b'mod partikolari għall-minorenni u t-tfal żgħar; jistieden lill-Kummissjoni tkompli taġixxi biex ittejjeb l-infrastruttura diġitali tal-Ewropa, li tappoġġa mhux biss l-industriji kreattivi li jiżviluppaw kontenut ta' kwalità għolja, iżda l-aċċess taċ-ċittadini Ewropej għal dawk ix-xoġhljiet sinifikanti mil-lat ta' kultura;

³¹ *Bloomberg*, "[Games Industry Unites to Promote World Health Organization Messages Against COVID-19](#);(L-industrija tal-logħob tingħaqad sabiex tippromwovi il-messaġġi tad-WHO kontra l-COVID-19) [Launch #PlayApartTogether Campaign](#)" (Tnedija tal-Kampanja #PlayApartTogether), 10 ta' April 2020.

30. Jemmen li għal ħafna nies, il-logħob vidjo jservi mhux biss bħala attività ta' divertiment iżda jużawh biex jagħmlu xi eżerċizzju mentali, bħas-soluzzjoni ta' kompiti u puzzles ta' sfida, l-involviment f'kompetizzjonijiet ma' ġugaturi oħra, li jeħtieġu livelli għoljin ta' konċentrazzjoni, u l-iżvilupp ta' ħiliet bħas-soluzzjoni tal-problemi, koordinazzjoni dimensjonali bejn l-għajnejn u l-idejn, ħidma f'tim kif ukoll akutezza viżiva u veloċità;
31. Jipproponi li jorganizza premju annwali tal-UE għal-logħob vidjo online fil-Parlament Ewropew fi Brussell – il-Premju Ewropew għal-logħob vidjo online – sabiex tiġi enfazzata l-importanza tas-suq uniku diġitali Ewropew ta' kumpaniji li jiżviluppaw logħob vidjo online, li ħafna minnhom huma SMEs, f'termini ta' impjiegi, tkabbir, innovazzjoni u l-promozzjoni ta' valuri Ewropej; iqis li l-premju għandu jkollu l-għan li jippromwovi logħob vidjo online li jrispetta d-drittijiet tal-konsumaturi jew li jkollu impatt pożittiv fuq oqsma speċifiċi, bħall-edukazzjoni, jew fuq l-iżvilupp tal-ħiliet;
32. Jilqa' l-proġett innovattiv ta' riċerka EU Kids Online, li jiġbor data ta' kwalità għolja minn madwar l-Ewropa dwar il-perspettivi tat-tfal tal-esperjenzi tagħhom online; jitlob li jsiru aġġornamenti aktar frekwenti ta' din l-inizjattiva ewlenija fid-dinja; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tiffinanzja din l-inizjattiva u inizjattivi simili fil-futur;
33. Jisħaq li l-logħob vidjo online huwa importanti għal edukazzjoni, peress li jista' jkun għodda utli matul il-proċessi tat-tagħlim u li ħafna logħob huwa mfassal speċifikament għal skopijiet edukattivi, biex iqajjem dibattitu dwar kwistjonijiet tas-soċjetà jew biex japprofondixxi l-fehim ta' avvenimenti storiċi jew kulturali; ifakkar li l-logħob vidjo jidher fil-kurrikuli edukattivi nazzjonali; jinnota li l-logħob vidjo kummerċjali jintuża wkoll għal skopijiet edukattivi; jirimarka li l-logħob vidjo jintuża wkoll biex jiżviluppa l-ħsieb kritiku, u l-ħiliet u biex jistimula l-kreattività; jisħaq ukoll li l-logħob vidjo jkompli jkollu aktar applikazzjonijiet aktar tard fil-ħajja, fejn jista' joffri stimolazzjoni mentali u opportunitajiet għal konnettività għall-anzjani;
34. Jisħaq li l-abbuż mill-użu tal-logħob vidjo online jista' jkollu impatt negattiv fuq ir-relazzjonijiet soċjali, ix-xogħol, ir-rati ta' tluq bikri mill-iskola, problemi ta' saħħa fiżika u mentali, u prestazzjoni akkademika baxxa, filwaqt li r-riċerka turi li l-logħob vidjo jista' jkollu impatt pożittiv; jenfasizza għalhekk il-ħtieġa li jinstab bilanċ tajjeb;
35. Jisħaq li d-dipendenza fuq il-logħob vidjo, magħrufa wkoll bħala "disturb relatat mal-logħob", hija problema għal xi ġugaturi; jinnota li d-WHO kklassifikat id-"disturb relatat mal-logħob" bħala forma ta' dipendenza kkaratterizzata minn kontroll indebolit fuq il-logħob, żieda fil-prijorità mogħtija lil-logħob fuq attivitajiet oħra sal-punt li l-logħob jieħu preċedenza fuq interessi oħra u attivitajiet ta' kuljum, u kontinwazzjoni jew eskalazzjoni tal-logħob minkejja l-konsegwenzi negattivi;
36. Jenfasizza li la l-industrija tal-logħob vidjo, la l-utenti u lanqas il-ġenituri m'għandhom jissottovalutaw ir-riskji u l-effetti minħabba "id-disturb relatat mal-logħob"; ifakkar li r-riċerka xjentifika wriet li l-pubertà u l-adolexxenza huma perjodi tal-ħajja li fihom il-persuni huma l-aktar f'riskju għal imġiba li twassal għal dipendenzi; jitlob li ssir aktar ħidma kollaborattiva bejn l-iżviluppaturi tal-logħob vidjo, il-pjattaformi u l-komunità usa' tal-partijiet interessati, inklużi l-awtoritajiet nazzjonali u l-Kummissjoni, biex jgħinu fil-mitigazzjoni tar-riskji ta' "disturbi relatati mal-logħob"; jissuġġerixxi li għandhom jitnedew aktar kampanji ta' sensibilizzazzjoni biex jiżguraw li l-ġenituri u l-

ġugaturi żgħażagħ ikunu konxji tar-riskji relatati mad-"disturb relatat mal-logħob" u jistieden lill-iżviluppaturi tal-logħob jevitaw disinn manipulattiv tal-logħob li jista' jwassal għal dipendenza fuq il-logħob, iżolament u fastidju ċibernetiku;

37. Jinnota nuqqas ta' data diżaggregata madwar l-UE kollha dwar il-ħin medju mgħoddi fil-logħob, l-infiq medju waqt il-logħob, l-esperjenza ġenerali tal-logħob u l-effetti soċjo-psikoloġiċi konsegwenti, jistieden lill-Kummissjoni biex tiġbor din id-data fuq bażi annwali u jressaq rapport lill-Parlament dwar dan;
38. Jinnota li l-industrija tal-logħob għandha aċċess għal kwantitajiet kbar ta' data personali xi kultant sensittiva; jisħaq li għandha tiżgura li l-ipproċessar tad-data personali jsir f'konformità mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data u leġislazzjoni oħra tal-UE u li l-profilu tal-utenti maħluqa bl-użu ta' data dwar l-imġiba ma jintużawx għal skopijiet manipulattivi u diskriminatorji; jistieden lill-awtoritajiet kompetenti jiżguraw li l-liġi rilevanti tal-UE u dik nazzjonali jiġu nferzati b'mod rigoruż; jisħaq li l-analiżi tax-xejriet fil-logħob tal-ġugaturi permezz tal-ġbir tad-data m'għandhiex tiffavorixxi t-teknika tal-hooking tal-ġugaturi iżda għandha tiffoka minflok fuq it-titjib tal-esperjenza tal-logħob; iħeġġeġ lill-iżviluppaturi jikkunsidraw id-disinn tal-logħob fil-kapitoli jew fil-punti fil-logħob meta l-ġugaturi jissejvjaw l-aktar frekwenti biex jiffaċilitaw il-pawżi tal-attenzjoni li matulhom il-ġugaturi jkunu jistgħu jiskonnettjaw;
39. Jirrimarka li l-pjattaformi tal-logħob vidjo online jistgħu jintużaw minn frodisti għal skopijiet ta' phishing; jitlob li jsiru kampanji ta' informazzjoni sabiex titqajjem kuxjenza dwar ir-riskji involuti, speċjalment fost il-minorenni u ż-żgħażagħ;
40. Iħeġġeġ lill-industrija tal-logħob vidjo, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw pjan ta' azzjoni biex jiżguraw bilanċ bejn il-ġeneri fl-istadji kollha tal-iżvilupp tal-industrija tal-logħob online; jistieden, barra minn hekk, lill-industrija tevita l-oġġettifikazzjoni tan-nisa u tevita li toħloq, tirrepeti jew taggrava l-isterjotipi tal-ġeneri; jisħaq li Prattiki bħal dawn li saru komuni wisq joħolqu ambjent ostili għan-nisa u l-bniet fil-logħob online;

L-iżgurar ta' ambjent online sikur għall-utenti tal-logħob vidjo online

41. Jilqa' l-inizjattivi mmexxija mill-industrija bħall-PEGI, li tintuża fi 38 pajjiż; iqis li sistema ta' klassifikazzjoni bħal din hija b'mod partikolari ta' benefiċċju biex tipprovdi spjegazzjonijiet dwar il-kontenut u informazzjoni dwar l-età rakkomandata għal-logħob, li tgħin lill-ġenituri jagħżlu logħob xieraq għal uliedhom; jissottolinja li s-sistema ta' klassifikazzjoni tiffurma parti mill-Kodiċi ta' Kondotta tal-PEGI ġenerali, li kollettivament jimmira li jiżgura ambjent sikur għal-ġugaturi; jilqa' l-approċċ aġġornat minn PEGI li issa jinforma lill-konsumaturi jekk logħba tinkludix kontenut każwali mħallas; jissottolinja li l-preżenza ta' kontenut imħallas fil-logħba, inkluż kontenut każwali mħallas, ma tipprekludix lill-ġenituri milli jimmaniġġjaw l-aċċess għal dak it-tip ta' kontenut, filwaqt li jippermetti lit-tfal jaċċessaw il-logħba bażi li l-ġenituri jkunu ġġudikaw li hija xierqa għall-età; jinnota li xi pajjiżi daħħlu s-sistema tal-PEGI fil-qafas legali tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta kif is-sistema PEGI qed tiġi implimentata fit-tipi differenti ta' logħob disponibbli fis-suq u madwar l-Unjoni u tesplora l-possibbiltajiet li din tiġi inkorporata fid-dritt tal-UE sabiex is-sistema PEGI u l-Kodiċi ta' Kondotta tagħha jsiru s-sistema armonizzata u obligatorja tal-

klassifikazzjoni tal-età applikabbli għall-iżviluppaturi kollha tal-logħob vidjo, l-app stores u l-pjattaformi online sabiex tiġi evitata l-frammentazzjoni fis-suq uniku u tiġi pprovduta ċertezza legali għall-industrija tal-logħob vidjo;

42. Jirrikonoxxi l-potenzjal tas-sistema PEGI li tipprovdi informazzjoni prekuntrattwali importanti lill-konsumaturi; jikkunsidra madankollu li din l-inizjattiva mmexxija mill-industrija għanda tiġi kkumplimentata b'miżuri addizzjonali sabiex jiġi żgurat l-ogħla livell ta' protezzjoni tal-konsumatur u biex jissolvew il-kwistjonijiet tal-liġi tal-konsumatur maħluqa minn mekkaniżmi ta' xiri minn ġol-logħob u loot boxes;
43. Iħeġġeġ lill-industrija, inkluż lill-pjattaformi u lill-pubblikaturi tal-logħob, lill-esperti indipendenti assoċjati u lill-korpi ta' klassifikazzjoni biex ikomplu l-kampanji ta' sensibilizzazzjoni dwar is-sistema PEGI, ħalli aktar ġenituri jkun jafu li teżisti, u jibqgħu reattivi sabiex jadattaw is-sistema ta' klassifikazzjoni b'reazzjoni għall-iżviluppi fil-logħob vidjo u l-kontenut tagħhom fil-logħob, biex ikomplu jiffaċilitaw l-għażla tal-ġenituri;
44. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa standards minimi dwar il-preservazzjoni tal-privatezza u tivvaluta l-ħtieġa għal sistema ta' assigurazzjoni tal-età sigura u inklużiva;
45. Jinnota bi tħassib ir-riskji assoċjati mal-użu ta' diskors ta' mibegħda u cyberbullying fuq il-pjattaformi tal-logħob vidjo online, li huwa partikolarment perikoluż meta jkun dirett lejn il-minorenni u t-tfal żgħar;
46. Jisħaq li l-logħob vidjo online irid jipprovdi ambjent diġitali sikur għall-utenti; jilqa' l-adozzjoni riċenti tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali li jaġġorna r-regoli dwar il-moderazzjoni tal-kontenut fl-Ewropa sabiex jiġi indirizzat aħjar il-kontenut illegali online, inkluż il-logħob vidjo; jitlob li dan l-Att jiġi traspost fil-liġi nazzjonali u implimentat malajr;
47. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li, minbarra l-kontenut illegali, il-kontenut dannuż jista' wkoll jinxtered fil-logħob vidjo permezz ta' funzjonalitajiet ta' komunikazzjoni fil-logħob jew pjattaformi tal-media soċjali tal-logħob; jisħaq li l-industrija tal-logħob vidjo trid tadotta miżuri u għodod xierqa biex tiproteġi lill-utenti kollha minn kontenut dannuż, f'konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE u dik nazzjonali;
48. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet għall-protezzjoni tal-konsumatur tal-Istati Membri biex jiżguraw li l-liġi tal-konsumatur tiġi rispettata u infurzata bis-siħ anke fis-settur tal-logħob vidjo billi jwettqu sweeps settorjali jew billi jniedu azzjoni ta' infurzar koordinata, skont ir-Regolament (UE) 2017/2394 dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumatur³², meta meħtieġ;

o

³² Ir-Regolament (UE) 2017/2394 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2006/2004 (ĠU L 345, 27.12.2017, p. 1).

o o

49. Jagħti iŋstruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

Kummenti introduttorji

Il-logħob vidjo huwa forma popolari ħafna ta' divertiment fost iċ-ċittadini Ewropej ta' kull età. Ir-rapporteur fittxet li tindirizza l-effetti li l-pandemija tal-COVID-19 kellha fuq dan is-settur, id-dgħufijiet inerenti u r-riskji potenzjali li huma esposti għalihom iċ-ċittadini Ewropej, il-potenzjal ta' innovazzjoni ta' dan is-settur għas-suq intern tal-UE u s-saħħa tiegħu fis-suq.

Għal dan il-għan, ir-rapporteur qieset ir-riskji u l-benefiċċji tal-logħob vidjo online mill-perspettiva tal-protezzjoni tal-konsumatur, speċjalment tal-minorenni, bil-għan li jiġi żgurat ambjent online sikur għall-utenti.

It-tisħiħ tal-protezzjoni tal-konsumatur fil-logħob vidjo online

Taħt din l-intestatura, ġew indirizzati diversi aspetti bil-għan li tissaħħaħ u tiġi żgurata l-protezzjoni tal-konsumatur fil-logħob vidjo online. Ir-rapporteur inkludiet fl-abbozz ta' rapport tagħha l-ħtieġa għal għodod ta' kontroll mill-ġenituri u li dawn ikunu disponibbli għall-ġenituri li jixtiequ jużawhom sabiex ikunu jistgħu jimmonitorjaw il-ħin mgħoddi fil-logħob vidjo u jipprevjenu logħob eċċessiv.

Fl-istess ħin, fil-fehma tar-rapporteur, il-possibbiltajiet differenti ta' xiri minn ġol-logħob vidjo ġew indirizzati u tappella li jiġi adottat approċċ Ewropew komuni sabiex tinkiseb armonizzazzjoni regolatorja fis-suq uniku u għaldaqstant il-konsumaturi Ewropej igawdu minn livell għoli ta' protezzjoni.

Min-naħa l-oħra, ir-rapporteur temmen li l-informazzjoni li għandha tingħata lill-konsumaturi qabel ma jilagħbu logħba vidjo trid tkun ċara, trasparenti u aċċessibbli, biex b'hekk ikunu jafu minn qabel il-kontenut eżatt ta' logħba partikolari. Ir-rapporteur indirizzat ukoll reklamar immirat għall-minorenni u titlob li tiġi stabbilita sistema għall-iżviluppaturi tal-logħob vidjo bbażata fuq is-sigurtà u l-privatezza b'mod awtomatiku.

Ir-riskji u l-benefiċċji tal-logħob vidjo online

Ir-rapporteur fittxet li tindirizza r-riskji u l-benefiċċji tal-logħob vidjo online għal daww iċ-ċittadini Ewropej li jużawhom, b'enfasi partikolari fuq il-minorenni. Għalhekk, ir-rapporteur saħqet fuq l-importanza tas-saħħa mentali li aggravat minħabba l-pandemija tal-COVID-19.

Ir-rapporteur temmen li jridu jitqiesu l-benefiċċji li l-logħob vidjo online jista' jġib minn perspettiva soċjali u l-utilità tiegħu, pereżempju fit-tagħlim u l-edukazzjoni. Madankollu, tisħaq ukoll fuq il-ħtieġa li jiġu indirizzati d-dipendenza fuq il-logħob vidjo u d-disturb relatat mal-logħob, li l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa tikkunsidra bħala forma ta' dipendenza; huwa essenzjali li jiġu appoġġati u żviluppati kampanji ta' informazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni.

Fl-aħħar nett, ir-rapporteur tirrimarka l-importanza tal-innovazzjoni fis-settur tal-logħob vidjo online u l-inklużjoni ta' teknoloġiji ġodda fid-disinn u l-iżvilupp tal-logħob vidjo. Is-settur qed jikber sew u qed jikkontribwixxi għat-trasformazzjoni diġitali tal-Unjoni Ewropea.

L-iżgurar ta' ambjent online sikur għall-utenti tal-logħob vidjo online

Ir-rapporteur tirrikonoxxi s-sistemi ta' awtoregolamentazzjoni li s'issa kienu dominanti fis-settur, bħas-sistema PEGI. Fil-fehma tagħha, l-aġġornament u l-adattament kostanti ta' dawn il-proġetti għar-realtà tal-logħob vidjo ippermettew li jiġu stabbiliti sistemi rikonoxxuti fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, kif ukoll miċ-ċittadini Ewropej, bħal pereżempju s-sistema PEGI ta' tikkettar tal-età u tal-kontenut għal-logħob vidjo.

Ir-rapporteur ta' dan ir-rapport tissuġġerixxi wkoll il-ħtieġa li tiġi żviluppata sistema komuni Ewropea għall-identifikazzjoni tal-identità biex tiġi vverifikata l-età tal-ġugaturi u li għandha tkun ibbażata fuq sistema b'livell għoli ta' sigurtà u li tiċċertifika l-protezzjoni tad-data tal-ġugaturi potenzjali. Għal dan il-għan, ir-rapporteur tipproponi wkoll l-introduzzjoni ta' tikkettar komuni li jqis il-kategoriji tal-età minima rakkomandata, kif ukoll it-tematika tal-logħba vidjo, il-possibiltajiet ta' xiri minn ġol-logħba u d-dehra tar-reklamar, fost aspetti oħra.

Fl-aħħar nett, ir-rapporteur tqis li, bil-għan li jiġi żgurat ambjent online sikur għall-utenti kollha, l-Att dwar is-Servizzi Diġitali se jikkontribwixxi b'mod pożittiv għal dan l-għan billi jindirizza t-tfaċċar ta' kontenut illegali online u jevita t-tixrid ta' kontenut dannuż skont dak li jkun ġie miftiehem.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

Data tal-adozzjoni	12.12.2022
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 35 -: 0 0: 3
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Alex Agius Saliba, Andrus Ansip, Alessandra Basso, Adam Bielan, Biljana Borzan, Anna Cavazzini, Lara Comi, Alexandra Geese, Sandro Gozi, Maria Grapini, Svenja Hahn, Virginie Joron, Eugen Jurzyca, Andrey Kovatchev, Maria-Manuel Leitão-Marques, Morten Løkkegaard, Adriana Maldonado López, Antonius Manders, Beata Mazurek, Anne-Sophie Pelletier, René Repasi, Christel Schaldemose, Andreas Schwab, Tomislav Sokol, Róża Thun und Hohenstein, Tom Vandenkendelaere, Kim Van Sparrentak, Marion Walsmann, Marco Zullo
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Marco Campomenosi, Maria da Graça Carvalho, Malte Gallée, Claude Gruffat, Antonio Maria Rinaldi
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Jarosław Duda, Cristina Maestre Martín De Almagro, Francisco José Millán Mon, Inma Rodríguez-Piñero

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

35	+
ID	Alessandra Basso, Marco Campomenosi, Virginie Joron, Antonio Maria Rinaldi
PPE	Maria da Graça Carvalho, Lara Comi, Jarosław Duda, Andrey Kovatchev, Antonius Manders, Francisco José Millán Mon, Andreas Schwab, Tomislav Sokol, Tom Vandenkendelaere, Marion Walsmann
Renew	Andrus Ansip, Sandro Gozi, Svenja Hahn, Morten Løkkegaard, Róża Thun und Hohenstein, Marco Zullo
S&D	Alex Agius Saliba, Biljana Borzan, Maria Grapini, Maria-Manuel Leitão-Marques, Cristina Maestre Martín De Almagro, Adriana Maldonado López, René Repasi, Inma Rodríguez-Piñero, Christel Schaldemose
The Left	Anne-Sophie Pelletier
VERTS/ALE	Anna Cavazzini, Malte Gallée, Alexandra Geese, Claude Gruffät, Kim Van Sparrentak

0	-

3	0
ECR	Adam Bielan, Eugen Jurzyca, Beata Mazurek

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni